# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha 19 ta' April, 2002

### Citazzjoni numru : 1/2002G1(PC)

Victor u Rose Mary konjugi Attard f'isimhom proprju bhala legittimi rapprezentanti ta' binhom minuri Paul Attard .

Vs

Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex .

Il-Qorti ;

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew :

Illi binhom Paul Attard twieled fi Craig Hospital, Victoria fil-hmistax (15) ta' Marzu tas-sena 1988 (elf disa' mija tmienja u tmenin) u t-twelid tieghu gie registrat fir-Registru Pubbliku ghal Ghawdex bin-numru progressiv mija tmienja u erbghin tal-istess sena (148/1988) ;

Illi dan l-att huwa skorrett in kwantu isem l-esponenti Rose Mary Attard gie skorrettament indikat bhala semplicement 'Rose' .

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex :

1. Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid numru 148/1988, att tat-twelid ta' Paul Attard billi fit-"Taghrif dwar l-omm" fil-kolonna "isem u kunjom" il-kliem 'Rose wife of the said Victor Attard' jigi sostitwit bil-kliem 'Rose Mary wife of the said Victor Attard' .

Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess atturi kkonfermata bil-gurament ta' attrici Mary Rose Attard .

Rat ukoll id-dokumenti annessi ma' l-istess citazzjoni, u cioe' dokument 'A', att tat-twelid numru mija tmienja u erbghin tal-elf disa' mija tmienja u tmenin (148/1988) riferibbli ghall-att tat-twelid illi tieghu qed tintalab il-korrezzjoni; bhala dokument 'B' estratt mill-att taz-zwieg numru mija erbgha u erbghin tal-elf disa' mija tlieta u tmenin (144/1983) riferibbli ghall-att taz-zwieg ta' l-atturi; bhala dokument 'C' estratt mill-att tat-twelid numru tlett mija erbgha u tletin tal-elf disa' mija erbgha u sittin (343/1964) riferibbli ghall-att tat-twelid ta' l-attrici; u bhala dokumen 'D' certifikat tal-maghmudija ta' Rose Mary Attard, l-attrici .

Rat ukoll in-nota tal-eccezzjonijiet tad-direttur tar-Registru Pubbliku illi eccepixxa :

1. Illi qabel xejn trid issir id-debita notifika lill-Avukat Generali .
2. Illi fit-tieni lok, huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti salv li l-provi migjuba mir-rikorrenti jkunu sodisfacentement u korretti skond il-ligi .
3. Illi f'kull kaz id-direttur ma ghandux ibati spejjez .
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Semghet lill-attrici Mary Rose Attard tixhed u tikkonferma illi hija dejjem kienet maghrufa bhala Rose Mary u mhux Rose kif hemm indikat fic-certifikat tat-twelid ta' binha Paul .

Rat ukoll il-karta ta' l-Identita' ta' l-istess attrici li giet murija lill-Qorti waqt li kienet qed taghti d-depozizzjoni taghha .

Il-Qorti ghal hekk u billi jidhrilha illi t-talba attrici hija gustifikata, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talba attrici u tordna l-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid numru mija tmienja u erbghin tal-elf disa' mija tmienja u tmenin (148/1988), cioe' l-att tat-twelid ta' Paul Attard, bin l-atturi billi fil-kolonna indikata "Taghrif dwar l-omm" fil-kolonna "isem u kunjom" il-kliem 'Rose wife of the said Victor Attard' jigi sostitwit bil-kliem 'Rose Mary wife of the said Victor Attard'.

Minhabba n-natura tal-kawza, ma ghandux ikun hemm ebda spejjez .

(ft) Paul Coppini
Magistrat .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur
S102G1(Pc)